# L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Settembru 2024

NR 194/2024 Data tal-Ħruġ: 21 ta’ Ottubru 2024

*F’Settembru 2024, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI) kienet ta’ 1.2 fil-mija; tnaqqis mir-rata ta’ 1.5 fil-mija rreġistrata f’Awwissu 2024.*



**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

L-ogħla rati ta’ inflazzjoni f’Settembru 2024 kienu rreġistrati fil-Prodotti u servizzi oħra (4.4 fil-mija) u l-Kura personali u s-saħħa (3.4 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-aktar rati baxxi ta’ inflazzjoni annwali kienu rreġistrati fl-Għamara u t-tagħmir tad-dar (-0.8 fil-mija) u t-Trasport u l-komunikazzjoni (-0.5 fil-mija) (Tabelli nri 1 u 4).

## Ċart nru 1. Rati ta’ inflazzjoni




## Ċart nru 2. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni għall-għaxar gruppi ewlenin

Settembru 2024




Noti:

1. L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.
2. Serje kronoloġika fid-dettall ta’ dawn iċ-ċifri qiegħda f’Tabella nru 4.

F’Settembru 2024, l-akbar kontribuzzjoni pożittiva għall-inflazzjoni annwali ġiet mill-Indiċi tal-Ikel (+0.45 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tas-servizzi tar-ristoranti. It-tieni u t-tielet l-akbar kontribuzzjonijiet kienu nnotati fl-Indiċi ta’ Prodotti u servizzi oħra (+0.32 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Kura personali u s-saħħa (+0.30 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tal-assigurazzjonijiet u tal-prodotti tal-iġjene personali, rispettivament.

Il-kontribuzzjonijiet negattivi għall-inflazzjoni annwali kienu rreġistrati fit-Trasport u l-komunikazzjoni (-0.12 punti perċentwali), fl-Indiċi tal-Għamara u t-tagħmir tad-dar (-0.05 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Ħwejjeġ u ż-żraben (-0.03 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet inqas tas-servizzi tal-mowbajl, apparat domestiku u ħwejjeġ, rispettivament (Ċart nru 3, Tabella nru 5).

## Ċart nru 3. Il-kontribuzzjonijiet tal-għaxar gruppi għar-rata annwali tal-inflazzjoni

Settembru 2024




Noti:

1. L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.
2. Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.
3. Serje kronoloġika fid-dettall ta’ dawn iċ-ċifri qiegħda f’Tabella nru 5.

**L-aggregati**

F’Settembru 2024, l-Indiċi tal-Prodotti u servizzi oħra rreġistra l-ogħla rata annwali ta’ inflazzjoni b’4.4 fil-mija, li minnha l-Ġojjelli, arloġġi tal-idejn u oġġetti oħra rreġistraw rata annwali ta’ 7.6 fil-mija, il-Prodotti li jintużaw għall-ħasil u t-tisjir irreġistraw rata annwali ta’ 5.4 fil-mija, is-Servizzi veterinarji (inkluż ikel għall-annimali domestiċi) u servizzi domestiċi rreġistraw rata annwali ta’ 0.5 fil-mija, filwaqt li l-Assigurazzjonijiet, servizzi finanzjarji u servizzi oħra rreġistraw rata annwali ta’ 4.7 fil-mija.

L-Indiċi tal-Għamara u t-tagħmir tad-dar irreġistra l-aktar rata baxxa ta’ inflazzjoni annwali bi -0.8 fil-mija, li minnha l-Għamara u t-tagħmir tad-dar rreġistraw rata annwali ta’ 0.9 fil-mija, it-Twapet u t-tessuti għad-dar rreġistraw rata annwali ta’ 1.9 fil-mija u l-Apparat u l-għodda domestiċi rreġistraw rata annwali ta’ -3.9 fil-mija (Tabelli nri 1 u 3).